**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 451/2009JB

Kawza Numru: 41

**Mace Development Limited (C-119)**

***vs***

**Dr. Vincent u Marjorie konjugi Raimondo, Carmel u Lydia konjugi Farrugia, Joseph u Josephine konjugi Attard, Dr. Martin u Dr. Diana konjugi Balzan, Dr. Anthony u Marion konjugi Fenech u Joseph u Josephine konjugi Bonnici**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-12 ta' Gunju 2009 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti, solidament bejniethom jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf, tlett mija u erba' euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,304.45), jew somma ohra verjuri, lis-Socjeta' Attrici rapprezentanti danni ossija kumpens konsistenti f'telf ta' uzu, qliegh u telf iehor li sofriet l-istess socjeta' attrici b'konsegwenza diretta ta' l-agir illegali ta' l-istess konvenuti jew min minnhom, u dan wara li ppremettiet dan li gej:

> Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' *boathouse* bl-ittra 'N', garaxx bl-ittra 'B', u *domestic storage rooms* bl-ittri 'C', 'E', 'F' u 'G', formanti parti minn 'Rundle Court', fi Triq il-Mahsel, St. Thomas Bay, Marsascala, kif muri bl-isfar fuq il-pjanta hawn annessa;
>
> Illi l-uniku access ghad-*domestic storage rooms* suriferitti huwa mill-entratura principal ital-partijiet komuni ta' 'Rundle Court' u, permezz tac-cavetta appozita, l-istess socjeta' attrici gawdiet access ghal-proprjeta' taghha b'dan il-mod ghal diversi snin;
>
> Illi madankollu fis-sena 2007, is-socjeta' attrici ma rnexxilix taccedi ghad-*domestic storage rooms* suriferiti u dan billi s-serratura ta' l-imsemmija entratura principali inbidlet mill-konvenuti, jew minn minnhom, u s-socjeta' attrici ma inghatatx kopja tac-cavetta l-gdida;
>
> Illi nhar is-16 ta' Mejju 2008 sar access gewwa 'Rundle Court' mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq inizjattiva tas-socjeta' attrici, fejn kien gie osservat illi *domestic storage rooms* bl-ittri 'C' u 'E' kienu qieghdin jintuzaw mill-konvenuti, jew min minnhom, u dan minghajr il-kunsens jew l-awtorizazzjoni tas-socjeta' attrici;

Illi s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuti permezz ta' ittra ta' nhar l-10 ta' Marzu 2009 u dan sabiex, *inter alia*, jaghtu kopja tac-cavetta l-gdida ta' l-entratura principali ta' 'Rundle Court' lis-socjeta' attrici u sabiex jersqu ghal hlas ta' danni ossija kumpens rapprezentanti telf ta' uzu, qliegh u telf iehor li sofriet is-socjeta' attrici bl-agir ta' l-istess konvenuti;

Illi l-konvenuti, permezz ta' ittra ta' nhar id-29 ta' April 2009, ghalkemm accettaw illi jaghtu kopja tac-cavetta l-gdida lis-socjeta' attrici, cahdu l-pretensjonijiet ta' l-istess socjeta' attrici ghal hlas ta' kumpens dovut lilha;

Talbet ukoll l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tat-30 ta' Marzu 2009, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata, kontra l-Konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-10 ta' Lulju 2009;

Ra li l-Konvenuti ipprezentaw risposta fit-2 ta' Lulju li permezz taghha laqghu ghall-azzjoni attrici kif gej:

Li t-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-eccipjenti ma kkawzaw l-ebda hsarat jew danni lis-socjeta' attrici.

Illi fit-tieni lok l-Avviz ghandu jigi kjarifikat biex jigi specifikat id-danni hux qed jintalbu fuq il-kmamar bl-ittri C u E biss jew hux ukoll fuq il-kmamar F u G.

Ghar-rigward tal-kmamar F u G dawn kienu mikrijin mill-kumpanija sakemm imbaghad il-kirja giet mitmuma u c-cwievet gew rilaxxati lis-socjeta' attrici recentement.

Illi ghar-rigward tal-kmamar C u E, dawn kienu fil-pussess tas-socjeta' attrici.

Illi l-esponenti ma ghamlu ebda att posittiv li bih zammew lis-socjeta' attrici taccedi ghal-fondi in kwistjoni. Huma m'ghandhom ebda obbligu fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Illi jigi rilevat ulterjorment illi s-socjeta' attrici bieghet il-common parts kolha tal-blokk ta' appartamenti in kwistjoni u ma zammet l-ebda dritt ta' access.

Illi f'kull kaz, il-kmamar C u E huma passaggi ghax-*shafts* interni u ghandhom jithallew miftuhin u liberi.

Illi s-socjeta' attrici hija stess inadempjenti u dan stante illi skond il-kuntratt ta' trasferiment originali hija obbligat ruha li tipprovdi *watchman's flat* bi proprjeta' versu cens annwu u perpetwu ta' hamsin centezmu u kellha taghmel dan sa Dicembu 2004 u fin-nuqqas li taghmel hekk hija tinkorri penali ta' lira Maltija kull gimgha ghal kull sit liema penali ghadha tiddekorri sal-lum u skont l-istess kuntratti gie pattwit ukoll li sakemm jigi provdut tali appartamenti l-kumpanija ghandha obbligu illi '*to continue to provide suitable storage and changing facilities for the purpose of servicing until the transfer of the watchman's flat is effected*' u ghalhekk, l-imsemmija kmamar C u E ghandhom jigu meqjusa bhala parti mis-*suitable storage and changing facilitites* illi ghalihoma hija responsabbli s-socjeta' attrici u konsegwentement it-talba attrici hija wkoll nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi din ir-risposta qieghda tigi pprezentata minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-esponenti li jezigu l-penali fuq imsemmija minghand is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2009 (verbal a fol 22), l-Avukat Claudine Zarb tat ruhha b'notifikata ghall-Konvenuti kollha bl-atti tal-kawza u ddikjarat li r-risposta giet prezentata f'isem il-Konvenuti kollha;

Ra d-dikjarazzjoni ta' rikuza tal-gudikant sedenti pronunzjata fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2009 (verbal a fol 23);

Ra li l-kawza, riassenjata mill-gdid giet riappuntata ghas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009;

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2010 (verbal a fol 38), l-Avukat Claudine Zarb tat ruhha b'notifikata ghall-Konvenuti kollha bil-mozzjoni tar-riappuntament;

Ra d-digriet tal-11 ta' Dicembru 2014 (a fol 182) fejn it-Tribunal ordna li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dr Martin Balzan (a fol 152, 161 u 189) jigu inkluzi fil-process;

Ra d-digriet tal-20 ta' April 2015 (a fol 253) fejn it-Tribunal cahad talba ghall-hatra ta' espert tekniku;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' l-provi;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet (a fol 262 u 273);

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, is-Socjeta Attrici qed titlob li l-Konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' €1,304.45 jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni ossia kumpens ghal telf ta' uzu, qliegh u telf iehor li sofriet l-istess Socjeta Attrici minhabba l-agir tal-Konvenuti jew min minnhom. Il-Konvenuti min-naha taghhom qieghdin jghidu li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt waqt li ghandu jigi ccarat dwar liema ambjenti tirreferi l-pretensjoni attrici. Qeghdin jghidu wkoll li s-Socjeta Attrici naqset minn xi obbligi naxxenti minn kuntratti;

Illi t-Tribunal ihoss li jkun qieghed jonqos jekk qabel xejn ma jirrimarkax li huwa deplorevoli li kawza bhal din kellha tiddilunga ghal sitt snin u nofs. Minn ezami tal-process jidher bic-car li ghad li d-dewmien ghall-ewwel sena u nofs kien dovut in parte ghan-notifika tal-atti u l-astensjoni tal-gudikant sedenti, il-partijiet jahtu mhux ftit ghad-dewmien bejn l-2011 u l-lum. Certament li agir u dewmien bhal dan ma jaghmilx gid. Hija hasra li agir bhal dan jitfa' dell ikrah fuq il-process ta' amministrazzjoni tal-gustizzja u jtellef il-fiducja li l-pubbliku ghandu jkollu fis-sistema gudizzjarja. Wiehed jittama li dawn ir-rimarki jqanqlu lil dawk involuti sabiex jekk jergghu jintrigaw ghal xoghol quddiem dan it-Tribunal, jimxu b'mod differenti;

Ikkunsidra;

Illi mill-provi prodotti irrizulta dan li gej:

Joseph Attard xehed (a fol 44) li fl-izvilupp maghruf bhala Rundle Court hemm diversi *box-rooms* li biex taccedi ghalihom wiehed irid jidhol mill-bieb principali. Jghid li ma jafx xi proprjeta ghandha s-socjeta attrici gewwa l-istess zvilupp. Jghid li sa fejn jaf hu c-cavetta ghall-partijiet komuni baqghet dejjem l-istess. Ma jistax jghid jekk ic-cavetta inbidletx jew le u jzid jghid li jkun qed jivvinta jekk jaghti risposta. Jghid li dwar il-kwistjoni li s-socjeta

attrici kellha dwar ic-cavetta ghall-partijiet komuni tal-izvilupp, huwa sar jaf direttament minghand is-Sur (Scifo) Diamantino. Jghid li (Scifo) Diamantino kien qallu li kellu problema u li eventwalment tawh kopja tac-cavetta. Jghid li ma jafx dwar liema *box room* is-socjeta attrici kellha l-problemi;

Dr Vincent Raimondo xehed (a fol 64) li biex tidhol ghall-*box rooms* trid tghaddi mill-partijiet komuni. Jghid li sa fejn jaf hu, uhud mir-residenti kienu krew xi kmamar minghand is-socjeta attrici. Jghid li kien hemm zmien meta l-bieb ta' barra kellu problema bis-serratura izda imbaghad dan rega' beda jinfetah. Ma jiftakarx li xi hadd qatt tah cavetta gdida ghall-bieb ta' barra. Jghid li kien ircieva ittra minghand is-socjeta attrici fejn talbet kopja tac-cavetta (a fol 52). Jghid li jekk jiftakar sew, kienu ghaddew kopja tac-cavetta kif mitlub. Jghid li wahda mill-*box rooms* kienet tintuza ghall-magazzinagg ta' oggetti relatati mal-manutenzjoni tal-kumpless;

Josephine Attard xehedet (a fol 76) li hi proprjetarja (flimkien ma' zewgha) ta' wiehed mill-appartamenti u tuzah ghall-villeggjatura. Tghid li ghandhom ukoll garaxx u *box rooms*. Tghid li ma tafx dwar ic-cavetta tal-partijiet komuni. Tghid li mat-tmien snin qabel bdiet tintuza cavetta gdida. Tghid li l-kwistjonijiet dwar proprjeta kien jiehu hsiebhom zewgha. Imbaghad taghmel xi assunzjonijiet dwar uhud mill-*box rooms* fil-kumpless;

Margerie Raimondo (a fol 80) xehedet li taf li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' xi *storage rooms* fil-kumpless. Tghid li f'xi zmien kien hemm problema bil-bieb principali tal-kumpless u kulhadd kien qed jidhol mill-garaxxijiet. Tghid li sa fejn taf hi ma nbidlux serraturi. Tghid li f'xi zmien l-affarijiet tal-hasil kienu jinzammu f'wahda mill-*box rooms* imma wara li kien hemm problemi ma' Scifo Diamantino, dawn l-oggetti qed jinzammu barra;

Christoper Spiteri xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 101) u stqarr li fis-16 ta' Mejju 2008 hu kien mar fuq il-post flimkien ma' Maurice Scifo Diamantino u Mario Bonello u ppruvaw jaccedu gewwa l-partijiet komuni imma c-cavetta ta' Scifo Diamantino ma daritx. Drabi ohra kien mar u ma kienx hemm problemi sabiex jidhlu. Jghid li kien jidher li xi hadd kien biddel is-serratura jew ic-cilindru tas-serratura u sejjhu l-Pulizija. Jghid li l-Pulizija dahlu fil-kumpless u wara li hargu, dahhlu lil Spiteri u lill-ohrajn fil-partijiet komuni. Jghid li meta dahlu, Scifo Diamantino sab stanga timbarra l-bieb tal-garaxx tieghu minn gewwa u kellem dwar dan lil Dr Raimondo li da parti tieghu qallu li ma kien jaf xejn dwarha. Jghid li Diamantino kellem lil Raimondo wkoll dwar l-uzu ta' xi *box rooms* li deher li kien hemm oggetti fihom u Raimondo qallu li ma kien jaf xejn. Jghid li marru jgibu kaxxa tar-ritratti sabiex jiehdu ritratti u kif waslu Raimondo fethilhom minnufih. Jghid li f'wahda mill-*box rooms* kien hemm kaxxa li fuqha kien hemm l-indirizz numru 4 "Rundle Court" Triq il-Mahsel, Marsaskala;

Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 107) u generalment ikkonferma dak li stqarr Christopher Spiteri. Jghid li r-relazzjoni ta' Abela (li kien jikri l-appartament numru 4 gewwa "Rundle Court" minghand is-socjeta attrici) ma kienetx felici tant li waqaf ihallas il-kera u ttiehdu proceduri bil-Qorti kontrih. Jghid li ghad li gie mgharraf li kien hemm kumitat jamministra l-kumpless, ir-Registratur tal-Artijiet kienet gharrfitu li ma kien hemm l-ebda amministratur registrat maghha. Qal li s-socjeta attrici kienet kitbet lill-*condomini* kollha u zammithom responsabbli ghal telf ta' qliegh. Qal li fl-ewwel xhur tal-2009, il-*condomini* kienu ghaddewlu kopja tac-cavetta tal-partijiet komuni. Stqarr li kmamar simili ghal dawk mertu tal-kawza kienu jinkrew bir-rata annwa ta' Lm140 u

pprezenta kuntratt biex isostni dan. Jghid kif wasal ghac-cifra ta' €1,304.45 u cjoe billi qies li s-socjeta attrici tilfet l-uzu ta' zewg *box rooms* li jinkrew bir-rata ta' Lm145 ghal sentejn. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 184) Scifo Diamantino qal li l-*box rooms* kienu gew sgassati. Jghid li wara li bdiet il-kawza sar jaf li wahda mill-*box rooms* kienet tintuza mis-seftura wara li giet sgassata. Jghid li ghad li fil-kuntratti kien hemm pattwit li ghandu jinbena "*watchman's flat*" qatt ma saret talba sabiex dan isir. Mill-bqija, Scifo Diamantino kkonferma x-xhieda tieghu;

Mario Bonello xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 128) u generalment ikkonferma dak li stqarrew Spiteri u Scifo Diamantino dwar meta accedew fuq il-post fl-2008. Jghid li kien tfacca wkoll Joseph Abela li kien beda jghajjat u jghid li Diamantino ma kellux jedd jidhol hemm;

Is-Surgent PS329 Reuben Saliba xehed dwar meta acceda fuq il-post fuq rapport ta' Diamantino u pprezenta kopja tar-rapport tal-okkorrenza (a fol 145);

Carmel Farrugia xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 194) u stqarr li s-serratura tal-partijiet komuni kellha xi problemi u sewwiha u gabha tahdem. Ir-residenti ma xtaqux li jbiddlu s-serratura ghax is-serraturi l-godda ma kienux jaqblu mat-toqba fil-bieb u ma riedux jaghmlu toqba gdida. Jghid li wara l-2003, ic-cavetta ta' Rundle Court qatt ma nbidlet. Jghid li fuq talba tal-avukat tas-socjeta attrici, din inghatat kopja tac-cavetta. Jghid li s-socjeta attrici kienet fethet kawza dwar *box room* "E". Jghid li *box room* "C" kienet tintuza mill-fattiga ghal hafna snin u l-arrangament kien li s-socjeta attrici tipprovdi post ghal dan il-ghan sakemm jinbena "*watchman's flat*". Jghid li meta ttiehdu proceduri kriminali dwar l-istess mertu, l-akkuzati, u cjoe l-*condomini*, gew liberati. Anness mal-affidavit tieghu, Farrugia ipprezenta ritratti (a fol 205) li juru serratura relattivament imsadda. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 251) Farrugia b'riferenza ghal dan ir-ritratt qal li c-cilindru tas-serratura jista' jkun li nbidel izda kkonferma li mill-2003 'il quddiem dan zgur li ma nbidilx. Spjega kif sewwa s-serratura. B'riferenza ghal dak li xehed Martin Balzan f'kawza ohra, ix-xhud baqa' jsostni li kwalunkwe tibdil fis-serratura sar qabel l-2003. Meta rega' xehed in kontro-ezami (a fol 261) Farrugia xehed dwar il-*watchman's flat*;

Joseph Bonnici xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 238) u stqarr li s-serratura tal-partijiet komuni qatt ma nbidlet. In kontro-ezami (a fol 259) Bonnici stqarr li kien hemm xi problema bis-serratura u ntbaghat *electrician* li sab li kien hemm xi *wire* tas-serratura maqlugh;

Ghad li ma xehedx fil-kawza, kif diga nghad, bid-digriet tal-11 ta' Dicembru 2014 (a fol 182) it-Tribunal ordna li t-traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Dr Martin Balzan jigu inkluzi fil-process u t-Tribunal ha konjizzjoni taghhom;

Ikkunsidra;

Illi permezz ta' dina l-kawza, is-Socjeta Attrici qed titlob li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu somma minnha likwidata fl-ammont ta' €1,304.45, jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni ossija kumpens konsistenti f'telf ta' uzu, qliegh u telf iehor li sofriet l-istess socjeta' attrici b'konsegwenza diretta ta' l-agir illegali ta' l-istess konvenuti jew min minnhom;

Illi għad li fir-risposta tagħhom il-Konvenuti ma qanqlu ebda eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, fin-nota finali tagħhom (a fol 273) jingħad hekk "*It-Tribunal għal Talbiet Zgħar m'għandux kompetenza sabiex jistabbilixxi x'titolu għandha s-soċjeta attriċi u/jew li l-konvenuti aġixxew b'xi mod abbużiv u/jew illegali.*" Dan igib lil wieħed sabiex jaħseb dwar jekk it-talba kif postulata ngiebetx quddiem il-foro kompetenti u għalhekk sejrin, qabel xejn, isiru xi ċenni dwar dan;

Ikkunsidra;

Illi minn eżami imqar *prima facie* tal-avviż tat-talba jidher li biex dak li qed titlob is-Soċjeta Attriċi jintlaqa', it-Tribunal irid (prevja naturalment li jidħol fil-kwistjoni tar-responsabbilita) jagħmel likwidazzjoni ta' danni. Hu ben magħruf li l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija limitata "*biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus*" sa ammont limitat u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-Art. 3(2) tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Zgħar (Kap. 380).

Illi fil-ġurisprudenza tagħna nsibu deċiżjonijiet kemmxejn kuntrastanti dwar il-latitudni li għandu l-ġudikant f'dan it-Tribunal meta jiġi biex jiddeċiedi ċerti talbiet. Fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Martin Aquilina *pro et noe vs* Moira Chircop", il-Qorti tal-Appell tat x'wieħed jifhem li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal ma testendix għal talbiet li huma ta' natura kumplikata u mhux sempliċiment kwistjoni ta' ħlas ta' kreditu *sic et simpliciter*. Sentenzi oħra madankollu jirritjenu li l-fatt li jkun hemm konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jridu jsiru jew li kwistjoni tkun kumplikata, ma jwassalx għal nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "Publius Micallef *vs* Sunroute Company Ltd", il-Qorti tal-Appell dwar il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal irriteniet:

> Jekk kull meta tinsorġi materja ta' din ix-xorta l-Ġudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiġġudikaha jkun tabilħaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qiegħed b'mod sempliċistiku jabdika mid-doveri tiegħu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess liġi li kkrejat it-Tribunal speċjali. Tali affermazzjonijiet leġġeri jew pronunzjamenti spiċċjattivi la għandhom jiġu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti.

Illi s-Soċjeta Attriċi fl-avviż tagħha illikwidat hi s-somma pretiża. Fil-waqt li hemm dubju dwar kemm din it-talba kellha tinġieb hawnhekk, it-Tribunal iqis li fiċ-ċirkostanzi (tenut kont tal-provi li għandu quddiemu u s-snin li ħadet il-kawża sabiex tinstema' u mhux lanqas il-fatt li din il-kawża instemgħet minn mhux anqas minn erba' ġudikaturi) għandu jikkunsidra l-provi li għandu quddiemu u jekk dawn iwasslux sabiex tiġi akkolta t-talba attriċi.

Ikkunsidra;

Illi minn eżami tal-provi jidher li għad li ġie ppruvat li r-rappreżentant tas-Soċjeta Attriċi irriskontra problema meta ġie biex jidħol fil-partijiet komuni ta' Rundle Court. Madankollu, irriżulta car ukoll li hekk kif intbagħtet ittra, permezz tal-avukat tas-Soċjeta Attriċi (a fol 52) liema ittra hi datata 10 ta' Marzu 2009, lill-*condomini* ta' Rundle Court, dawn wiegbu sal-aħħar ta' April 2009 u ħallew kopja taċ-ċavetta għand l-avukat tas-Soċjeta Attriċi. Dan jirriżulta mix-xhieda tal-istess Konvenuti u ġie kkonfermat bl-affidavit ta' Maurice Scifo Diamantino (a fol 107). Bir-rispett kollu, ma jidhirx li kien hemm xi intransiġenza da parti tal-Konvenuti.

Illi minn eżami tal-provi, it-Tribunal ma jistax ma jqisx li l-verżjoni tal-Konvenuti dwar is-serratura hija waħda verosimili. Mir-ritratt a fol 205 jidher biċ-ċar li s-serratura kienet ruħha fi snienha. Dak li xehed Carmel Farrugia li r-residenti ma xtaqux li jbiddlu s-serratura għax

is-serraturi l-godda ma kienux jaqblu mat-toqba fil-bieb u ma riedux jaghmlu toqba gdida huwa wkoll verosimili u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja li s-serratura ma kienetx inbidlet ricentement, it-Tribunal ma jistax ma joqghodx fuq il-verzjoni tal-Konvenuti. Dak li xehed Farrugia hu korraborat minn Joseph Bonnici li xehed li kien hemm xi problema bis-serratura u ntbaghat *electrician* li sab li kien hemm xi *wire* tas-serratura maqlugh.

Illi quddiem dawn il-provi, it-Tribunal ma jqisx li l-Konvenuti ghandhom b'xi mod iwiegbu ghad-danni li s-Socjeta Attrici qed tghid li sofriet u ghalhekk se jghaddi sabiex jichad it-talba attrici, prevja li jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti, jichad it-talba attrici. Spejjez a karigu tas-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*